



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2009/2225(INI)

23.2.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar ir-Rapport dwar il-Kompetittività Diġitali tal-Ewropa: kisbiet ewlenin tal-istrateġija i2010 mill-2005 sal-2009
(2009/2225(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Cătălin Sorin Ivan

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota l-kisbiet konsistenti tal-istrateġija i2010, iżda jitlob li jiġu ffissati miri iktar ambizzjużi u prijoritajiet iktar orjentati lejn iċ-ċittadini għall-istrateġija li jmiss, li joffru benefiċċji kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali u kulturali għaċ-ċittadini kollha tal-UE;
2. Jitlob li l-Kummissjoni biex tiżviluppa definizzjoni komprensiva tal-Aġenda Diġitali u tagħmilha soġġetta għal diskussjoni ulterjuri mal-Parlament u mal-Kunsill, sabiex jinkiseb ftehim komuni fost l-istituzzjonijiet tal-UE dwar objettivi u miri ewlenin;
3. Jenfasizza li l-pluraliżmu, il-libertà tal-istampa u r-rispett għad-diversità kulturali huma valuri ewlenin u għanijiet aħħara tal-Unjoni Ewropea; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li l-politiki kollha tal-UE proposti jkunu f'konformità ma' dawn il-valuri u għanijiet;
4. Jirrikonoxxi l-fatt li l-industriji kreattivi u kulturali Ewropej mhux biss għandhom rwol essenzjali fil-promozzjoni tad-diversità kulturali, tal-pluraliżmu tal-midja u tad-demokrazija parteċipattiva fl-Ewropa, iżda huma wkoll mezz importanti ta' tkabbir sostenibbli fl-Ewropa, u għalhekk jista' jkollhom rwol deċiżiv fl-irkupru ekonomiku tal-UE; jirrikonoxxi l-bżonn li jitrawwem ambjent li jkompli jħeġġeġ l-industrija kreattiva;
5. Jirrikonoxxi għalhekk il-bżonn urġenti ta' definizzjoni ċara tal-Aġenda Diġitali, bħala aspekk importanti tad-dimensjoni u tal-kontenut kulturali Ewropew; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni biex timplimenta l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali fl-inizjattivi politiċi kollha relatati mal-Aġenda Diġitali;
6. Jenfasizza li aġenda diġitali Ewropea għandha tippromwovi l-produzzjoni u t-tixrid ta' kontenut ta' kwalità għolja u b'diversità kulturali fl-UE sabiex iċ-ċittadini tal-UE jingħataw inċentivi biex jadottaw teknoloġiji diġitali bħall-Internet, u biex il-benefiċċji kulturali u soċjali li jistgħu jgawdu minnhom iċ-ċittadini tal-UE permezz ta' dawk it-teknoloġiji jkunu kbar kemm jista' jkun;
7. Jenfasizza li d-dividend diġitali jikkostitwixxi spectrum source validu mhux biss għall-iżvilupp ekonomiku iżda wkoll għal dak soċjali u kulturali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi li huwa importanti li jsir żvilupp fi pjattaformi diġà eżistenti li huma popolari ħafna, bħat-televiżjoni diġitali terrestri, kif ukoll li jiġi faċilitat l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda oħra;
8. Jitlob li jkun hemm approċċ komprensiv u integrat fil-livell tal-UE li mhux biss jippromwovi l-investment f'networks u pjattaformi ġodda, iżda wkoll biex ikun hemm garanziji ta' ftuħ, ta' aċċessibilità universali u ta' disponibilità kif ukoll sigurtà fit-tagħmir tal-komunikazzjoni u fl-infrastrutturi, u li jkun jinkludi politika adegwata dwar it-trawwim ta' kapaċitajiet ta' fehim tal-midja, inkluża sensibilizzazzjoni dwar l-użu ta' teknoloġiji

ġodda;

9. Jenfasizza li approċċ komprensiv, parteċipattiv u inklussiv skont l-Aġenda Diġitali tal-UE tiddependi ħafna mill-aċċess mhux diskriminatorju għas-servizzi u mill-interoperabilità effettiva tagħhom għaċ-ċittadini kollha;
10. Jenfasizza l-importanza ta' protezzjoni tad-data fl-isfera diġitali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tqis mhux biss il-protezzjoni tad-data u kwistjonijiet ta' privatezza per se, iżda b'mod partikolari l-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni taħt l-età u ta' adulti żgħażaġh fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;
11. Jenfasizza li, sabiex tittejjeb il-kompetittività diġitali, għandha tingħata iktar attenzjoni lill-ibbilanċjar fid-differenzi f'termini ta' aċċess għat-teknoloġija tal-informatika u ta' kopertura ta' Internet broadband;
12. Jenfasizza li għandha tingħata iktar attenzjoni, fl-Aġenda Diġitali ġdida, lid-diġitalizzazzjoni tal-patrimonju kulturali uniku tal-Ewropa u lit-titjib tal-aċċess taċ-ċittadini għalih;
13. Jitlob li jsir investiment ġdid fir-riċerka sabiex jiġu implimentati aħjar l-istrumenti diġitali eżistenti, biex jiġi garantit l-aċċess taċ-ċittadini kollha għall-prodotti kulturali;
14. Jirrakkomanda li titnieda kampanja ta' informazzjoni fil-livell tal-UE sabiex jinkiseb livell oġhla ta' sensibilizzazzjoni, partikolarment permezz tal-iżvilupp u t-tixrid ta' kontenut kulturali diġitali;
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu appoġġ finanzjarju adegwat għall-politika ta' diġitalizzazzjoni tal-UE, filwaqt li jħeġġeġ kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri biex isibu soluzzjonijiet adegwati għall-ostakli legali attwali;
16. Jenfasizza li l-Europeana hija l-istrument adattat biex iċ-ċittadini jkollhom aċċess għall-għarfien tal-patrimonju kulturali Ewropew u jtejbuh;
17. Jitlob lill-Kummissjoni biex b'mod partikolari, bħala pari mill-aġenda diġitali, tiżviluppa qafas modern ta' drittijiet tal-awtur li jqis kif xieraq id-diġitizzazzjoni u l-konverġenza tal-midja u biex tħeġġeġ l-iżvilupp tal-Internet, li joffri bosta opportunitajiet ġodda għat-tixrid ta' u l-aċċess għal kontenut kreattiv iżda li jgħib miegħu wkoll riskji, pereżempju l-piraterija ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur; huwa favur miżuri iktar effettivi fir-rigward tal-ġlieda kontra l-piraterija fl-Internet u l-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur;
18. Jenfasizza l-bżonn ta' approċċ Ewropew ibbilanċjat fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur, fejn jiġi żgurat l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut kreattiv on-line mingħajr ma jiġi pperikolat il-bżonn ta' protezzjoni xierqa tad-dritt tal-awturi, tal-mużiċisti u ta' artisti oħrajn li jirċievu dħul mix-xogħlijiet tagħhom;
19. Jitlob li jiġu rispettati t-trasparenza, l-aċċessibilità u l-ugwaljanza tal-opportunitajiet fl-użu tas-sistemi tal-ICT, bil-għan li jiġi faċilitat l-użu tagħhom għall-ikbar ammont possibbli ta' ċittadini Ewropej;

20. Jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati politiki u miżuri li jippromwovu 'l-fehim diġitali' sabiex jitnaqqsu l-ostakli għall-integrazzjoni soċjali u għall-iżvilupp personali f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja;
21. Jenfasizza l-importanza li gruppi soċjali żvantaġġjati (bħall-persuni bla impjeg, persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni u anzjani) ikollhom aċċess għal teknoloġiji diġitali u innovazzjonijiet tal-ICT bħala mezz ta' inklużjoni soċjali u għall-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi dejjem jiżdiedu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jissoktaw bi programmi speċifiċi (bħall-eInclusion u t-teknoloġija assistiva) bl-għan li jiġi faċilitat l-aċċess għal dawn il-gruppi;
22. Jirrakkomanda sessjonijiet regolari ta' taħriġ fl-ICT fuq il-post tax-xogħol, bl-għan li jiġu żviluppati l-kapaċitajiet diġitali tal-ħaddiema u b'hekk titjieb il-produttività, kif ukoll biex jiġi żgurat li ħadd ma jkun eskluż mis-suq tax-xogħol minħabba nuqqas ta' kapaċitajiet relatati mal-ICT, jew inkella kapaċitajiet limitati;
23. Jirrakkomanda l-introduzzjoni tal-kunċett ta' fehim diġitali fis-sistemi edukattivi, li għandha ssir sa mil-livell ta' qabel l-iskola primarja, b'mod parallel mal-lingwi barranin, bl-għan li jitrawmu utenti kapaċi minn kmieni kemm jista' jkun;
24. Jenfasizza l-importanza li l-utenti jkunu edukati rigward kif għandhom jużaw ir-riżorsi disponibbli fl-Internet; ifakkar b'mod speċjali li l-ġenituri u l-edukaturi għandhom jgħinu biex jgħallmu t-fal jużaw l-Internet b'mod sigur;
25. Jenfasizza l-importanza li l-istudenti tal-iskejjel jitgħallmu jużaw ir-riżorsi tal-Internet;
26. Jirrikonoxxi l-importanza tat-tagħlim elettroniku bħala metodu ta' edukazzjoni adattat għall-innovazzjonijiet tal-ICT li jista' jissodisfa l-bżonnijiet ta' persuni li m'għandhomx aċċess faċli għall-metodi edukattivi konvenzjonali, iżda jenfasizza li l-bżonn li jkun hemm skambju ta' informazzjoni bejn l-għalliema, l-istudenti u partijiet oħra interessati huwa prerekwiżiti essenzjali. Skambji internazzjonali għandhom ukoll jiġu inkoraġġuti sabiex stabbilimenti edukattivi jerġgħu jiksbu r-rwol importanti tagħhom fil-promozzjoni tal-ftehim bejn il-popli;
27. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-programmi plurijennali għaż-Żgħażaġħ li se tfassal, tqis il-bżonn ta' familjarizzazzjoni mal-ICT avvanzata għaż-żgħażaġh kollha fl-istadji kollha tal-edukazzjoni tagħhom, u partikolarment fl-iskejjel primarji.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.2.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Malika Benarab-Attou, Piotr Borys, Silvia Costa, Santiago Fisas Ayxela, Mary Honeyball, Cătălin Sorin Ivan, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Marek Henryk Migalski, Katarina Neved'alová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Pál Schmitt, Marco Scurria, Timo Soini, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, László Tókéš, Helga Trüpel, Gianni Vattimo, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Nessa Childers, Nadja Hirsch, Seán Kelly, Catherine Soullie, Rui Tavares